

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Rikonossiment u infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti>Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti  
Kif tinforza deċiżjoni ta' qorti

Bulgarija

### 1 Xi tfixxer eżekuzzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali?

L-eżekuzzjoni hija l-aħħar fażi tal-proċess ġudizzjarju. Tikkonsisti fil-possibbiltà li rikorrent li l-qorti tkun qatgħet favurih jitlob li l-korp kompetenti ta' eżekuzzjoni jieħu l-passi kollha fil-kompetenza tiegħu u preskritti fil-liġi biex jeżegwixxi s-sodisfazzjon tal-pretenzjoni tar-rikorrent li l-parti opposta ma tkunx ħallset b'mod volontarju.

Id-dritt għal eżekuzzjoni jiġi mill-eżistenza ta' strument ġudizzjarju eżekutorju jew strument ieħor u l-ħruġ, abbażi ta' dan, ta' strument li jawtorizza l-eżekuzzjoni (digriet ta' eżekuzzjoni).

Il-miżuri ta' eżekuzzjoni jinkludu:

sekwestru ta' beni mobbli;

sekwestru ta' beni immobbli;

inventarju u valutazzjoni ta' proprjetà immobbli;

bejgħ ta' beni immobbli b'subbasta;

sekwestru ta' kont tal-bank ta' debitur;

sekwestru ta' vettura;

preklużjoni ta' dritt ipotekarju;

qbid ta' beni mobbli;

eżekuzzjoni fir-rigward ta' ishma f'kumpanija;

eżekuzzjoni ta' obbligu ta' ċediment ta' minorenni;

eżekuzzjoni fir-rigward ta' proprjetà matrimonjali.

### 2 Liema awtorità jew awtoritajiet huma kompetenti għall-eżekuzzjoni?

L-uffiċjali kompetenti biex iwettqu l-eżekuzzjoni fil-Bulgarija huma l-uffiċjali ġudizzjarji, li jistgħu jkunu:

Uffiċjali ġudizzjarji Statali

Uffiċjali ġudizzjarji privati.

L-istat tal-uffiċjali ġudizzjarji privati huwa rregolat mill-Att dwar l-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja Privata (Zakon za chastnoto sadebno izpalnenie (ZChSI)). L-att jiddefinixxi uffiċjal ġudizzjarju privat bħala uffiċjal delegat mill-Istat biex jeżegwixxi pretensjonijiet privati.

### 3 Liema huma l-kundizzjonijiet biex jingħataw titoli jew deċiżjonijiet li jkunu eżekuttivi?

#### 3.1 Il-proċedura

Skont l-Artikolu 404 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (CPC), il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jistgħu jitmexxew fuq dawn il-bażijiet:

sentenzi u digrieti *res judicata*; sentenzi minn qrati tal-appell; ordnijiet eżekuttivi; saldi ġudizzjarji; sentenzi u ordnijiet eżekuttivi jew sentenzi u ordnijiet iddikjarati eżegwibbli bil-quddiem jew immedjatament; u deċiżjonijiet ta' tribunali tal-arbitraġġ u saldi sanzjonati minn dawn it-tribunali; sentenzi, atti u saldi ġudizzjarji maqtugħin minn qrati f'pajjiżi oħra mhux fil-Bulgarija, jekk eżegwibbli fil-Bulgarija mingħajr proċedimenti ulterjuri; sentenzi, atti u saldi ġudizzjarji maqtugħin minn qrati f'pajjiżi oħra mhux fil-Bulgarija u s-sentenzi u s-saldi maqtugħin u sanzjonati minn tribunali tal-arbitraġġ f'pajjiżi oħra mhux fil-Bulgarija, meta jiġu ddkjarati eżegwibbli fil-Bulgarija.

Skont l-Artikolu 405 tas-CPC, id-digrieti ta' eżekuzzjoni jinħarġu abbażi ta' rikors bil-miktub, bla ebda ħtieġa li tinnotifika kopja lid-debitur.

Skont l-Artikolu 405(2) tas-CPC, il-qrati li ġejjin għandhom ġurisdizzjoni fuq ir-rikorsi mressqa:

fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 404(1) tas-CPC, il-qorti ġenerali li tkun semgħet il-każ jew ħarġet id-digriet ta' eżekuzzjoni u, meta att ikun eżegwibbli

immedjatament, il-qorti li tkun qatgħet is-sentenza jew ħarġet id-digriet ta' eżekuzzjoni;

fil-każijiet previsti fl-Artikolu 404(2) u (3) tas-CPC, il-qorti kompetenti biex tagħti l-eżekuzzjoni;

fir-rigward tad-deċiżjonijiet maqtugħin minn tribunali tal-arbitraġġ domestiċi u s-saldi sanzjonati minn dawn it-tribunali fi proċedimenti ta' arbitraġġ, il-Qorti tal-Belt ta' Sofija (Sofiyski Gradski Sad).

Hemm limitu ta' żmien ta' ġimagħtejn għall-appelli minn digrieti li jippermettu jew li jiċħdu rikors għal digriet ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 407 tas-CPC).

Skont id-dritt Bulgaru, jista' jittressaq rikors ta' eżekuzzjoni minn parti li mhijex avukat, inkluż il-parti li tftitex l-eżekuzzjoni jew ir-rappreżentant tagħha (li jista' jkun avukat). Ma hemm l-ebda rekwiżit speċjali għall-preżentazzjoni li jrid jiġi ssodisfat sabiex jinkiseb digriet ta' eżekuzzjoni.

L-ispejjeż ta' eżekuzzjoni huma stabbiliti fit-Tariffa tal-Miżati u tal-Ispejjeż ippreveduta fl-Att dwar l-Eżekuzzjoni Privata (il-Gazzetta tal-Istat (SG) Nru 35 /2006). L-ispejjeż biex jinħareġ digriet ta' eżekuzzjoni jiġġarrbu mill-persuna li tkun inħareġ id-digriet ta' eżekuzzjoni favurha.

#### 3.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Sabiex jiġu implimentati l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, il-parti interessata trid tapplika bil-miktub lil uffiċjal ġudizzjarju Statali jew privat, u tehmeż digriet ta' eżekuzzjoni jew strument eżekuttiv ieħor. Ir-rikors irid jiġi speċifika l-metodu ppreferut ta' eżekuzzjoni, li jista' jinbidel matul il-kors tal-proċedimenti (l-Artikolu 426 tas-CPC).

Rikors għal eżekuzzjoni jrid jittressq quddiem l-uffiċjal ġudizzjarju li jipprattika fil-post tal-proprjetà li tkun se tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontriha jew tal-uffiċċju rreġistrat tad-debitur (jekk l-eżekuzzjoni tkun kontra riċevibbli), il-post fejn id-debitur ikun obligat jaġixxi jew ma jibqax jaġixxi, u l-indirizz permanenti tal-kreditur jew tad-debitur (fuq għażla tal-kreditur) (jekk l-eżekuzzjoni tkun għall-irkupru ta' manteniment).

L-uffiċjal ġudizzjarju jrid isejjaħ lid-debitur bil-miktub biex jissodisfa l-pretensjoni b'mod volontarju, li d-debitur irid iwettaq fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi ċ-ċitazzjoni. Iċ-ċitazzjoni tavża lid-debitur li jekk jonqos milli jissodisfa l-pretensjoni, dan jirriżulta f'azzjoni ta' eżekuzzjoni. Iċ-ċitazzjoni trid tispeċifika s-sekwistri u l-qbid imposti u tinkludi kopja tal-istrument eżekuttiv. Meta jsejjaħ lid-debitur biex jissodisfa pretensjoni b'mod volontarju, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jiġi speċifika wkoll id-data li fiha jiġi kkompilat inventarju tal-beni u, meta eżekuzzjoni tikkonċerna beni immobbli, jibgħat notifika ta' sekwestru lir-reġistru tal-beni. Fuq mandat mill-kreditur, l-uffiċjal ġudizzjarju privat jista' jieħu l-passi li ġejjin b'raba mal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni: jesplora l-istatus tal-beni tad-debitur, iftith rekords, jikseb dokumenti, karti, eċċ., jiddetermina l-mod tal-eżekuzzjoni, u jżomm il-beni dettaljati.

L-uffiċjal ġudizzjarju jfassal rekord ta' kull miżura li tittieħed jew titwettaq minnhom.

Meta l-metodu inizjali tal-eżekuzzjoni jinbidel, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jinnotifika bil-miktub lid-debitur bil-bidla skont l-Artikolu 428 tas-CPC. Hekk kif jibdeu il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, meta d-debitur ma jkollux indirizz permanenti jew attwali fir-reġistru, l-imħallef distrettwali, li jaġixxi fuq mozzjoni ppreżentata mill-kreditur, irid jaħtar rappreżentant *ad hoc* tad-debitur (l-Artikolu 430 tas-CPC).

#### **4 L-għan u n-natura ta' miżuri eżekuttivi**

##### **4.1 Liema tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għall-eżekuzzjoni?**

Tista' tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontra dawn il-beni tad-debitur:

oġġetti mobbli;

pagi;

dħul minn beni immobbli, inkluż dħul mill-kera, eċċ.;

kontijiet tal-bank;

beni immobbli;

ishma u bonds maħruġa minn impriżi kummerċjali;

proprietà mobbli u immobbli f'koproprietà jew proprietà matrimonjali mobbli u immobbli.

Skont l-Artikolu 442 tas-CPC, kreditur jista' jwettaq eżekuzzjoni kontra kull ħaġa jew riċevibbli tad-debitur.

Il-miżuri ta' prekawzjoni imposti mill-uffiċjali ġudizzjarju u l-metodi ta' eżekuzzjoni implimentati jridu jkunu proporzjonati mal-ammont tal-obbligu. Jekk jinstab li l-miżuri ta' prekawzjoni kkonċernati jkunu sproporzjonati, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid ineħħihom.

L-Artikolu 444 tas-CPC jelenka l-oġġetti tal-beni li ġejjin bħala li ma jistgħux jiġu sekwestrati (jiġifieri ma tistax tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontribom):

oġġetti ta' kuljum użati mid-debitur u l-familja tiegħu, kif speċifikat f'lista adottata mill-Kunsill tal-Ministri (Ministerski savet);

l-ikel meħtieġ biex isostni lid-debitur u lil familja għal xahar jew, fil-każ ta' bdiewa, sal-ħsad il-ġdid, jew l-ekwivalenti tiegħu fi prodotti agricoli oħrajn;

il-fjuwil meħtieġ għat-tiġin, għat-tisjir u għad-dawl għal tliet xhur;

il-makkinarju u t-tagħmir li debitor jeħtieġ sabiex ikun jista' jkompli jipprattika l-impjeg jew il-professjoni tiegħu;

parti mill-art li hija s-jieda tad-debitur (sa massimu ta' 0.5 ettaru għal vini u raba' oħra u sa massimu ta' 3 ettari għal għelieqi ta' skop ġenerali, flimkien mal-

makkinarju u l-implimenti, il-fertilizzanti, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u ż-żrieragħ intiżi li jinżerġu għal perjodu ta' sena);

għal bdiewa li jrabbu l-bhejjem, l-ifrat meħtieġa għax-xogħol fl-għelieqi, partikolarment żewġt irjus ifrat li jiġbdu, baqra, ħamest irjus ngħaġ u mogħoż, għaxar

doqqajs u tajr domestiku, flimkien mal-għalf meħtieġ biex jieklu sal-ħsad li jkun imiss jew sakemm jinħarġu biex jirġu;

l-abitazzjoni li hija s-sjieda tad-debitur, jekk id-debitur u l-membri tal-familja tiegħu ma jkollhom l-ebda abtazzjoni oħra, irrispettivament minn jekk id-debitur

jgħixx hemm. Jekk l-abitazzjoni taqbeż il-ħtiġijiet ta' akkomodazzjoni tad-debitur u l-familja tiegħu, kif speċifikat f'Regolament iddedikat adottat mill-Kunsill tal-

Ministri, sehem minnha jinbiegħ, diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(2) tal-Att dwar il-Beni (Zakon za sobstvenostta);

oġġetti u riċevibbli oħrajn protetti bil-liġi kontra l-eżekuzzjoni.

##### **4.2 X'in huma l-effetti tal-miżuri eżekuttivi?**

Meta jsejjaħ lid-debitur biex jissodisfa pretensjoni b'mod volontarju, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jispeċifika wkoll id-data li fiha jiġi kkompilat inventarju tal-beni u, meta eżekuzzjoni tikkonċerna beni immobbli, jibgħat notifika ta' sekwestru lir-reġistru tal-beni.

Is-sekwestru ta' beni mobbli jew pretensjoni tiġi imposta billi jiġi kkompilat inventarju.

Is-sekwestru u l-qbid għandhom dan l-effett fil-konfront tad-debitur:

Mill-mument tal-impożizzjoni tiegħu, debitor la jista' jitransferixxi r-riċevibbli jew beni (immobbli jew mobbli) tiegħu, u lanqas ma jista' jbidel, jeqred jew jagħmel ħsara fuq il-beni, b'piena ta' prosekuzzjoni kriminali. Dawn l-effetti għandhom japplikaw mid-data taċ-ċitazzjoni biex jiġi saldat id-dejn volontarjament.

Is-sekwestru jew il-qbid għandu jkollhom dawn l-effetti fil-konfront tal-kreditur:

Skont l-Artikolu 452(1) tas-CPC, kull trasferiment tal-beni mobbli jew riċevibbli sekwestrati jkun invalidu fil-konfront tal-kreditur u kull kreditur konġunt,

sakemm iċ-ċessjonarju ma jkunx jista' jinvoka l-Artikolu 78 tal-Att dwar il-Beni. Din l-aħħar dispożizzjoni tistipula li kull min jakkwista beni mobbli legalment

jew titoli ta' pussess għal kundisiderazzjoni, anke jekk jakkwistahom bla ħsieb mingħand xi ħadd li mhuwiex is-sid, jakkwista s-sjieda, sakemm it-trasferiment

tas-sjieda tal-beni mobbli ma tkunx teħtieġ att notaril jew attestazzjoni notaril tal-firem tal-partijiet tat-tranżazzjoni. L-istess regola tapplika għall-akkwist ta'

drittijiet in rem oħra għal beni mobbli.

Meta tittieħed azzjoni ta' eżekuzzjoni kontra beni immobbli, l-invalidità għandha tiegħu effett biss fir-rigward tat-tranżazzjonijiet tat-trasferiment imwettqa wara

d-data tar-reġistrazzjoni tas-sekwestru preventiv (l-Artikolu 452(2) tas-CPC).

##### **4.3 X'inhi l-validità ta' miżuri bħal dawn?**

Il-liġi ma tistabblixxi l-ebda limitu ta' żmien għall-validità ta' dawn il-miżuri. Huma intiżi li jissodisfaw il-pretensjoni tal-kreditur, allura huma validi sa ma

jintemmu l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

#### **5 Hemm possibiltà li d-deċiżjoni li tawtorizza din il-miżura tiġi appellata?**

Ir-rimedji disponibbli fil-proċess ta' eżekuzzjoni huma stabbiliti fit-Taqsimiet I u II tal-Kapitolu 39 tas-CPC.

Kreditur jista' jappella:

mir-rifjut ta' uffiċjal ġudizzjarju milli jwettaq l-azzjoni ta' eżekuzzjoni speċifikata;

mir-rifjut ta' uffiċjal ġudizzjarju milli jagħmel stima ġdida tal-beni li tkun ittieħdet azzjoni ta' eżekuzzjoni kontribom; u

mis-sospensjoni, it-terminazzjoni u t-tlestija tal-eżekuzzjoni.

Debitur jista' jappella minn:

ordni li permezz tagħha uffiċjal ġudizzjarju jimponi multa fuq id-debitur;

teħid ta' azzjoni ta' eżekuzzjoni kontra beni li d-debitur iqis li ma jistgħux jiġu sekwestrati;

sekwestru ta' oġġetti ta' beni mobbli jew l-espulsjoni tad-debitur minn beni immobbli fuq il-bażi li d-debitur ma jkunx ġie notifikat kif xieraq bl-eżekuzzjoni.

ir-rifjut ta' uffiċjal ġudizzjarju milli jagħmel stima ġdida tal-beni li tkun ittieħdet azzjoni ta' eżekuzzjoni kontribom;

il-ħatra ta' parti terza bħala gwardjan;

ir-rifjut ta' uffiċjal ġudizzjarju milli jissospendi, itemm jew ilesti l-eżekuzzjoni; u

l-ispejjeż tal-eżekuzzjoni.

Partijiet terzi (mhux partijiet fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni) jistgħu jappellaw kontra azzjoni ta' uffiċjal ġudizzjarju biss jekk l-eżekuzzjoni tkun diretta kontra oġġetti fil-pussess tagħhom fid-data tas-sekwestru, tal-qbid jew taċ-ċediment.

Parti terza tista' tressaq appell mill-preklużjoni ta' dritt ipotekarju ta' beni immobbli biss jekk il-parti terza kellha fil-pussess tagħha dawk il-beni qabel id-data li fiha tkun tressqet il-kawża li issa qed tiġi eżegwita (l-Artikolu 435 tas-CPC).

Meta ssir is-subbasta, l-ordni li jingħataw il-beni hija soġġetta għal appell mingħand parti li tkun ħallset depożitu mhux aktar tard mill-aħħar jum tal-irkant,

mingħand kreditur li jkun tefa' offerta fis-subbasta mingħajr ma kellu jħallas depożitu, jew mingħand id-debitur, fuq il-bażi li s-subbasta ma tkunx twestqet

legalment jew li l-beni ma jkunux ngħataw lill-ogħla offerent.

Skont l-Artikolu 436 tas-CPC, għandhom jitressqu appelli fi żmien ġimgħa mid-data tal-azzjoni kkontestata, jekk il-parti tkun preżenti fil-ħin tal-azzjoni jew tkun issejtnet biex tattendi, u fil-każijiet l-oħra kollha, fi żmien ġimgħa mid-data tal-komunikazzjoni. L-appelli jitressqu permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju quddiem il-qorti provinċjali b'għurizzjoni fuq il-post tal-eżekuzzjoni. Meta jitressaq appell, l-uffiċjal ġudizzjarju jrid jiddikjara r-raġunijiet għall-azzjoni kkontestata. Dawn l-appelli jiġu eżaminati f'seduta bil-bibien magħluqa, bl-eċċezzjoni ta' dawk ippreżentati minn partijiet terzi, li jiġu eżaminati f'seduta pubblika li għaliha jissejtnu l-partijiet kollha għall-proċedimenti tal-eżekuzzjoni. L-appelli jiġu deċiżi fi żmien xahar.

L-appelli ma jissospendux il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, iżda l-qorti tista' tiddeċiedi li tissospendi l-proċeduri sakemm tinqata' sentenza dwar l-eċċezzjonijiet invokati stabbiliti fl-appell. Jekk il-proċedimenti jiġu sospiżi, l-uffiċjal ġudizzjarju jiġi notifikat mingħajr dewmien (l-Artikolu 438 tas-CPC).

#### **6 Hemm xi limiti fuq l-eżekuzzjoni, b'mod partikolari relatati ma' ħarsien tad-debitor jew preskrizzjonijiet?**

L-Artikolu 432 tas-CPC jistabbilixxi x-xenarji differenti li fihom qorti tista' legalment tissospendi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni fuq mozzjoni tal-kreditur.

Skont il-punt 8 tal-Artikolu 433(1) tas-CPC, jekk kreditur jonqos milli jikseb il-prestazzjoni tal-azzjonijiet ta' eżekuzzjoni għal sentejn, il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jintemmu mill-uffiċjal ġudizzjarju. L-unika eċċezzjoni permessa għal din ir-regola hija applikabbli għall-ispejjeż ta' manteniment.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu [l-feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.



This webpage is part of an EU quality network

L-aħħar aġġornament: 16/02/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.